# MALTI

# Sillabu Tal-Iskejjel Primarji

Dipartiment tal-Kurrikulu, Il-Furjana

# GRAMMATIKA

# Is-Sitt Sena

| MEDDA TA' MIRI | IS-SITT SENA | |
|---|---|---|
| **In-Nom** | **Għadd Imtenni**<br>a. Partijiet tal- ġisem<br>**eżempji:**<br>⊕ għajn – għajnejn<br>⊕ sieq – saqajn<br>⊕ widna – widnejn<br>⊕ riġel – riġlejn<br>⊕ driegħ – dirgħajn<br>⊕ id – idejn, eċċ.<br><br>Agħti l-Plural tal-kelma fil-parentesi.<br>**eżempji:**<br>⊕ Trid par (għajn) biex taqrah.<br>⊕ Ġużi kisser (widna) il-vażun.<br><br>b. Kliem ieħor:<br>**eżempji:**<br>⊕ daqqa – daqqtejn<br>⊕ siegħa – sagħtejn<br>⊕ kelma – kelmtejn<br>⊕ wiżna – wiżintejn<br>⊕ ġimgħa – ġimagħtejn, eċċ.<br>(Innota l-vokali tal-leħen.)<br><br>ċ. Taħriġ bħal ta' qablu | **Għadd (Miksur):**<br>**eżempji:**<br>⊕ fqir – foqra<br>⊕ raġel - rġiel<br>⊕ ġemel – iġmla<br>⊕ barmil – bramel<br>⊕ skola – skejjel<br>⊕ mejda – mwejjed, eċċ.<br><br>Ikteb il-plural tal- kliem b'sing taħtu.<br>**eżempji:**<br>⊕ Rajna raġelfqir.<br>⊕ F'Tuneż irkibna l- ġemel.<br>Ilmaħna s-seqer fil- għoli. |

| MEDDA TA' MIRI | IS-SITT SENA | MEDDA TA' MIRI | IS-SITT SENA | MEDDA TA' MIRI | IS-SITT SENA |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Konsonanti** | **Tagħqid ta' konsonanti f'leħen wieħed (BLENDING):**<br>**eżempji:**<br>⊕ fittxew,<br>⊕ rqadt,<br>⊕ geddset,<br>⊕ qgħadt,<br>⊕ ma ridtx,<br>⊕ ma ħriġtx, eċċ<br>L-użu tagħhom ikun f'sentenzi u f'kuntesti ta' qari. | **L-Artiklu** | **L-artiklu ma'partiċelli ħfief (ma', fi, bi, ta', eċċ.)**<br>a. Daħħal il- partiċella meħtieġa<br>**eżempji:**<br>⊕ Ġużi mar il-belt (ma' + il) _____ ħbieb.<br>⊕ Il-kotba sabuhom (fi + il) _____ kaxxa.<br>⊕ Ġejt (bi + il)____ mixi.<br>⊕ Pawlu għandu ħanut (ta' + il)<br>⊕ kotba.<br>b. Daħħal il- partiċella meħtieġa.<br>**eżempji:**<br>⊕ Il-qattus tela' (ma'+ is) ______ siġra.<br>⊕ Poġġa l-platt (fi + it) ______ tarf.<br>⊕ Għamlet torta (bi + it) ______ tin.<br>⊕ Kisser il-flixkun (ta' + iż) _____ żejt.<br>**L-artiklu ma' partiċelli itqal (minn, bħal, għal, lil, eċċ.)**<br>ċ. Daħħal il- partiċella meħtieġa.<br>**eżempji:**<br>⊕ Ġew (minn + il)______ Libja.<br>⊕ Lifgħa ħarġet (minn + in) ____nar.<br>⊕ Ħuta tajba (bħal+ il) ____lampuka m'hawnx.<br>⊕ Ġib żejt (għal + il)______ lampier.<br>⊕ Tlabt (lil + il) landier) isewwi l-borma. | **Il-Verb** | **Il-Mamma u l-Għerq (Verbi Trilitteri Sħaħ inklużi dawk bl-għ u bl-h fil-bidu, fin- nofs u fit-tarf; il- verbi Dgħajfin; il- verbi Kwadrilitteri):**<br>**eżempji:**<br>⊕ għamlu minn għamel = għ-m-l<br>⊕ qagħdet minn qagħad = q-għ-d<br>⊕ lqajtu minn laqa' = l-q-għ<br>⊕ dehret minn deher = d-h-r<br>⊕ fhimna minn fehem = f-h-m<br>⊕ hemżu minn hemeż = h-m-ż<br>⊕ lwiet minn lewa(j) = l-w-j<br>⊕ ġrejna minn ġera(j) = ġ-r-j<br>⊕ qomt minn qam = q-j-m<br>⊕ damet minn dam = d-w-m<br>⊕ bisna minn bies = b-w-s<br>⊕ waslu minn wasal = w-s-l<br>⊕ waqgħet minn waqa' = w-q-għ<br>⊕ ħarbatna minn ħarbat = ħ-r-b-t<br>⊕ werwirt minn werwer = w-r-w-r<br>**L-Imperattiv, il- Preżent-Futur u l- Perfett/Passat tal- verbi Trilitteri Sħaħ u Dgħajfin u tal-verbi Kwadrilitteri.**<br>Għandhom jingħataw taħriġiet f'kuntesti varjati fejn it-tfal jitlaqgħu ma' okkażjonijiet fejn ikunu jistgħu jagħrfu b'mod prattiku r-regoli mgħallma. (Ara l- eżempji għar-Raba' Sena biex tibni fuqhom.) |

| MEDDA TA' MIRI | IS-SITT SENA | MEDDA TA' MIRI | IS-SITT SENA | |
|---|---|---|---|---|
| **Il-Verb** (tkomplija) | **In-Negattiv tal-verbi Trilitteri Sħaħ inklużi dawk bl-għ u bl-h fil-bidu, fin-nofs u fit- tarf; il-verbi Dgħajfin; il-verbi Kwadrilitteri. Għandha ssir enfasi fuq verbi bħal:**<br><br>**eżempji:**<br>⊕ waqa' – ma waqax<br>⊕ laqa' – ma laqax<br>⊕ ġera – ma ġeriex l<br>⊕ ewa – ma lewiex<br>⊕ riedu – ma ridux<br>⊕ fiequ – ma fiqux<br>⊕ kielet – ma kilitx<br>mietet – ma mititx<br><br>It-taħriġiet għandhom ikunu f'kuntesti. | **L-Aġġettiv**<br>. | **Il-Gradi ta' l-Aġġettiv**<br><br>**Komparattiv**<br><br>**eżempji:**<br>⊕ Din id-dar kbira, imma din hi akbar.<br>⊕ Id-drapp tal-ġlekk hu fin, imma tal-qalziet hu ifjen.<br><br>Agħti kelma waħda flok il-kliem fil- parentesi.<br><br>**eżempji:**<br>⊕ Il-pilloli kienu ħżiena, imma l-mistura kienet ________(iktar ħażina).<br>⊕ Id-dar tagħna hi għolja, iżda tagħkom hi _______ (aktar għolja).<br><br>**Is-Superlattiv**<br><br>**eżempji:**<br>⊕ Id-dar tagħna hi akbar minn tagħkom. Id-dar tas-surmast hi l-akbar waħda.<br>⊕ Din l-ixkora basal tqila, imma dik tas-siment hi l-itqal waħda..<br><br>Agħti kelma waħda flok il-kliem fil- parentesi.<br><br>**eżempji:**<br>⊕ (l-aktar żgħira)______ tifla hija Marika.<br>⊕ Xtrajna ______ (l- aktar sabiħ) drapp. | **Aġġettiv man-nombħala parti mis- superlattiv relattiv. (Itqal minn tal- Ħames Sena)**<br><br>a. Kompli b'aġġettiv.<br><br>**eżempji:**<br>⊕ Ix-xiħ kellu dahru ______ ganċ.<br>⊕ Wiċċu kien __ lellux wara l-marda.<br>⊕ Id-dar tagħha kienet ______ tazza.<br><br>**Aġġettiv man-nom f'idjomi.**<br><br>b. Daħħal l- aġġettiv li hu nieqes fl-idjoma.<br><br>**eżempji:**<br>⊕ Ma tantx tieħu tagħrif mingħandu għax għandu fommu _______.<br>⊕ Tant għandu qalbu _______ li kull ma jkollu jagħtih.<br>⊕ Tidher li idejha_ għax ma tantx tħobb tonfoq. |

| MEDDA TA’ MIRI | IS-SITT SENA | MEDDA TA’ MIRI | IS-SITT SENA | |
|---|---|---|---|---|
| **Il-Pronomi** | **Il-pronomi diretti mehmużin mal- verb**<br>a. Għaqqad il-kliem b’sing taħtu billi tehmeż il- pronom mal-verb.<br>**eżempji:**<br>⊕ Sablili ħdejh.<br>⊕ Sema’lilek nieżel.<br>⊕ Ħadetlilha magħha.<br>⊕ Rawlilna naħdmu.<br><br>**Inkludi wkoll in-negattiv.**<br>b. Aqleb dawn is- sentenzi għan- negattiv.<br>**eżempji:**<br>⊕ Pawlu rani l-iskola.<br>⊕ It-tfal tawna rigal.<br>⊕ Marija kilitha.<br>⊕ Ġanni tana nieklu.<br><br>ċ. Minflok il-kliem b’sing taħtu ikteb kelma waħda.<br>**eżempji:**<br>⊕ Toni ma sabxlili d- dar.<br>⊕ Anna ma tatx il- kotba lilna.<br>⊕ Huma ma semgħux lilna deħlin. | **In-Numri** | **In-numri kardinali (bit-T marbuta u bil-vokali tal- leħen meta n-nom ikun b’sillaba waħda; Eċċezzjonijiet: snin, xhur, Lhud)**<br>**Attenzjoni għal 4, 7 u 9 fejn bit-T marbuta jinkitbu mingħajr għ**<br>a. Daħħal kliem flok in-numri.<br>**eżempji:**<br>⊕ Kien hemm (5) tfal fuq il-bank.<br>⊕ Ġew (9) jiem ilu.<br>⊕ Għandu (7) tfal.<br>⊕ Il-qattusa kellha (4)frieħ.<br><br>**Minn 11 sa 19 fejn tidħol il-partiċella il u s-sing.**<br>**eżempji:**<br>⊕ Kellha (11) ____ sena meta ġiet magħna.<br>⊕ (19) ____ sena ilu ġrat traġedja.<br>⊕ Kien hemm (15)______ ruħ mejta.<br><br>**Frazzjonijiet:**<br>**½,¼,¾**<br>nofs, kwart, tliet kwarti, terz, żewġ terzi.<br><br>**Deċimali:**<br>5,23 = ħamsa punt tnejn tlieta.<br>2.06 = tnejn punt zero sitta. | **Punteġġjatura**<br>L-użu tal-BULLETS<br><br>**Sintassi**<br>**Diskors Dirett:**<br>⊕ "Fejn mar Ninu ?" staqsa l-papà.<br>⊕ "Fejn marret Nina ?" staqsiet il- mamà.<br>⊕ "Fejn marru Ninu u Nina ?" staqsew il- papà u l-mamà.<br><br>**Diskors Indirett:**<br>⊕ Il-papà staqsa fejn kien mar Ninu.<br>⊕ Il-mamà staqsiet fejn kienet marret Nina.<br>⊕ Il-papà u l-mamà staqsew fejn kienu marru Ninu u Nina. |

| | | |
|---|---|---|
| **Sentenzi** | It-taħriġ grammatikali m'għandux isir f'eżerċizzji kkontrollati iżda f'kuntesti ta' sentenzi li jagħmlu sens u marbutin ma' xi tema partikolari. | Ara l-ħiliet għal kull sena. |
| **Grammatika f'Kuntest** | Kull taħriġ grammatikali jrid ikun f'kuntest li jagħmel sens u li jiġbed l-attenzjoni tat-tfal. Għal dan il-għan kull taħriġ grammatikali għandu jsir permezz ta' kitbiet varji fil-forma ta' testi għal taħriġ il-fehem b'sitwazzjonijiet reali maħluqin jew addattati għalihom. It-tagħlim tal-grammatika b'hekk biss jagħmel sens. | Ara ħiliet għal kull sena. |
| **Idjomi u Qwiel** | Ma nistgħu qatt inwasslu l-aspett proverbjali u idjomatiku b'tagħlim ta' listi li t-tfal għandu jiftakar bl-amment. Dan l-aspett jista' jissaħħaħ biss b'eżempji mill-ħajja ta' kuljum u għalhekk għandu joħroġ minn kuntesti ta' kitbiet personali, immaġinattivi, informattivi u tematiċi, ibbażati fuq għajdut mill-esperjenzi individwali. | |
| **NOTA** | L-eżempji f'dan is-sillabu qegħdin biss bħala kampjuni. Wieħed għandu jżid ħafna u ħafna oħrajn skond il-livelli u l-gosti ta' it-tfal. | |